VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,320, 3 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 350 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinament 3 ta' dawn l-ordinamenti għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

(2) L-ordinamenti 4 u 5 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (f) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(f) **Nursing**: għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija, sakemm li l-applikanti li jippreżentaw iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew aħjar fil-Malti, fil-Lingwa Ingliża u fil-Matematika, kif ukoll ikunu kisbu l-MCAST-BTEC Extended Diploma in Health and Social Care (Health Studies) u l-MCAST Level 5 Award in Life Sciences, ikunu kkunsidrati li ssodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali tad-dħul;"

4. Minflok is-sotto-paragrafu (i) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(i) **Podiatry:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;"

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

5. Il-paragrafu (4) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.